# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar il-Hamis 19 ta' Jannar 2017

**KawzaNumru : 11**
**RikorsNumru : 695/2016/JPG**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**VS**

**Mario Mifsud (K.I. numru 229566 (M)),**
**u Brigitte Mifsud (K.I numru 66970 (M)**

## Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c., datat 12 ta' Awissu 2016, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett skritturi privati, wahda datata 20 ta' Marzu 2013 (Dok. "A") u tnejn ohra datati 1 t'Awwissu 2014 (Dok. "B" u "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Mario Mifsud u Brigitte Mifsud.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Mario Mifsud u Brigitte Mifsud fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u tletin Ewro u sebghin centezmu (€22,439.70) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Mario Mifsud u Brigitte Mifsud mal-Bank of*

*Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2", "E" u "F"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Gunju 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament billi Maria Mifsud u Brigitte Mifsud*

*(a) Naqsu milli ihallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Mario Mifsud u Brigitte Mifsud li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Mario Mifsud u Brigitte Mifsud gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Ottubru 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'G' sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privatu fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dok "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario Mifsud u Brigitte Mifsud (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittienti kif stipulati fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Mario Mifsud u Brigitte Mifsud li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u;*

2. *Tikkundanna lil Mario Mifsud u Brigitte Mifsud ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnjen u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u tletin Ewro u sebghin centezmu (€22,439.70) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Mario Mifsud u Brigitte Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2", "E" u "F"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Gunju 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Ottubru 2015 (Dok. "G") kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil gurament;

Rat il-fakolta' moghtija lil-intimat fil-5 ta' Dicembru 2016 sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom a tenur tal-Att 158 (10) Kap 12.

Rat illi l-intimati baqghu inadempienti.

**Ikkonsidrat;**

**Roderick Abela, Kap tad-Dipartiment tar-*Recoveries* tas-socjeta rikorrenti** xehed a fol 38 – 40 u 42 – 43 illi l-intimati huma debituri tas-socjeta rikorrenti minhabba self li kien inghata xi snin qabel. Spjega li s-self kien ghaddej b'mod regolari izda imbaghad ma baqghux jaghmlu pagamenti minhabba li kien hemm kwistjonijiet personali fiz-zwieg. Ikkonferma li minn dakinhar li nfethet il-kawza ma sar l-ebda pagament u s-somma dovuta kienet ghadha ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u tletin ewro u sebghin centezmu (€22,439.70), oltre l-imghaxijiet mit-23 ta' Gunju 2016. Xehed illi l-facilita moghtija kienet ta' *personal loan* sabiex tinxtara dghajsa ghal uzu personali fis-somma ta' tmint elef u wiehed u hamsin ewro (€8,051), bl-imghax fir-rata ta' 4.7%. Zied illi kellhom ukoll *business loan* konsegwenti ghal *overdraft* li bi ftehim mal-intimati kien tnehha mill-overdraft biex jibda jithallas b'pagamenti mensili, b'rata

ta’ imghax ta’ 6.35%. Barra minn hekk kien hemm ukoll *business overdraft* b’limitu ta’ hmistax il-elf ewro (€15,000) b’rata ta’ imghax ta’ 5.85%.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimati gew debitament notifika, huma baqa’ kontumaci f’dawn il-proceduri, kif ukoll ma prezentawx in-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom minkejja li gew moghtija il-fakolta skont il-ligi sabiex jaghmlu dan.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> “*...**huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkem mil-konvenut jibqa’ kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta’ jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hiex gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;”

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta’ Marzu, 1996 inghad:

> “***Illi fl-ahhar nett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa’ kontumaci, bhal-kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta’ l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero’ li l-Qorti tista’ tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta’ jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta’Jannar 1991:***

> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodicita' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
>
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tqis illi f'din il-kaz, m'hemm l-ebda eccezzjoni sollevabbli *ex officio* u illi s-socjeta rikorrenti resqet provi sufficjenti fir-rigward tat-talbiet taghha, u ghaldaqstant ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u tordna lill-intimati jhallas lill-istess socjeta rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u tletin ewro u sebghin centezmu (€22,439.70) flimkien mal-imghax legali dekoribbli mit-23 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**